**Minuti tal-Ħames laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur**
**Nhar it-Tlieta, 22 ta' Mejju, 2012 fis-7:30 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Miriam Portelli | Kunsillier |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

----------------------------------------------------------------------------------------------------

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Charles Said.

2. **Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru erbgħa (4) tas-seba' Kunsill ġew ikkorreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali

3. **Servizz ta' l-Arriva.** Is-Servizz ġdid ta' l-Arriva minn San Blas għandu jibda nhar it-Tnejn. Il-Kunsill bgħat ittra ġo kull dar tan-Nadur b'informazzjoni u il-ħinijiet tas-servizzi ta' l-Arriva fin-Nadur.

4. **Child Day Care Centre.** Is-Sindku flimkien mas-Segretarja kellhom laqgħa ma' rappreżentanti mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni dwar il-possibilta' li jsir Child Day Care Centre f'parti mill-bini ta' Iskola tan-Nadur (naħa tad-Drama). Huma ssuġerixxew, li delegazzjoni mill-Kunsill inmorru Malta fejn inkunu nistgħu naraw xi Child Day Care Centres ġa eżistenti. Min-naħa tagħhom huma ħa jibgħatu kopja tar-rapport lill-Kunsill dwar il-possibilta li dan is-servizz jibda jingħata minn Nadur. L-Arċipriet bagħat korrispondenza wkoll dwar dan is-servizz għaliex hu lest li jgħin permezz ta' użu tal-propjeta tal-knisja fi Triq Diċembru 13. Il-Kunsill qabel li l-Arċipriet għandu jkun mistieden sabiex jmur Malta jżur Child Day Care Centres oħra.

5. **Attivitajiet ta' l-Imnarja**. Il-programm fil-qosor ta' l-attivitajiet li ser jiġu organizzati mill-Kunsill jew bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill għall-jiem tal-Festa hu kif ġej -

   18/6/12 – Wirja ta' statwi antiki ta' San Pietru Pawl fis-Sala Joe Tabone.
   19/6//12 – Jum it-Tfal
   20/6/12 – Parata mill-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta

21/6/12 – Ikla Tradizzjonali ta' l-Imnarja
23/6/12 – Wirja Agrarja
24/6/12 – Wirja Agrarja
25/6/12 – Kunċert tal-Banda Imnarja
29/6/12 – Xalata ta' wara l-Festa

6. **Impjieg ta' Skrivan/a.** Joe Tabone ma aċċettax li jkun parti mill-board ta' l-għażla ta' impjieg ta' skrivana għaliex ma ngħatax permess mid-direttur tiegħu. Għalhekk il-Kunsilliera qablu li l-board għandu jkun magħmul mill-ħames membri tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv.

7. **Ftuħ ta' offerti/kwotazzjonijiet**. Il-Kunsill ġie mitlub minn xi kuntratturi sabiex l-offerti u kwotazzjonijiet jiġu miftuħin dritt wara l-għeluq tagħhom. Il-Kunsilliera qablu li jekk possibli jsir hekk, iżda mhux dejjem ikunu jistgħu jattendu l-Kunsilliera f'dan il-ħin.

8. **Toroq.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu mar jara dwar l-ilmenti ta' l-ilma tax-xita ta' Triq ta' Said kif ukoll ta' Triq David Cocco Palmeri. Għandu jinforma lill-perit sabiex jmur jara dawn l-ilmenti biex naraw hemmx mezz li nsolvi l-problemi.

9. **Ministeru għal Għawdex.** Il-Kunsill talab laqgħa mal-Ministru għal Għawdex u d-Direttur tax-xogħolijiet is-Sur Joe Portelli. S'issa il-Kunsill għadu ma rċeviex appuntament. Maria Natoli u Josianne Cutajar talbu sabiex jiġi nkluż il-problema ta' Triq it-Torri ta' Sopu li qeda f'periklu li tisfronda.

10. **Wied Binġemma.** Ix-xogħolijiet fil-bini ta' ħitan tas-sejjieħ qed jitkompla f' Wied Binġemma u miexi b' ritmu tajjeb.

11. **Ċimiterju.** Maria Natoli u Josianne Cutajar iċċaraw il-kummenti tagħhom dwar id-dikjarazzjoni li saret fl-aħħar laqgħa. " Peress illi fl-ittra li ntbagħtet lill-Arċipriet datata 15 ta' Mejju 12012 ma ġietx spejgata d-dikjarjazzjoni li għamilna fil-minuti tal-laqgħa li għaddiet, nixtiequ niċċaraw l-pożizzjoni tagħna b'dawn il-minuti. Niddikjaraw illi filwaqt illi nifhmu l-fatt illi hemm persuni li huma kontra s-sit illi ntagħżel, aħna vvutajna favur l-appoġġ ta' dan il-proġett peress li kif ġa għedna fil-minuti li għaddew, dan huwa bżonnjuż. Aħna nisħqu pero li, kif ġa spjegajna, kollox għandu jsir skont il-liġijiet u l-permessi tal-MEPA. Aħna nsostnu wkoll illi l-interessi tal-bdiewa konċernati u tal-ambjent għandhom ikunu mħarsa fl-intier tagħhom." Din id-dikjarazzjoni ġiet mgħoddija lis-segretarja bil-miktub .

12. **Korrispondenza.**

(4263) Email mingħand Joe M. Attard dwar xiri ta' kotba
(4264) Ittra mill-Għaqda Armar Triq Diċembru 13 dwar għeluq ta' Triq Ċimċem
(4265) Ittra mill-Għaqda Armar Triq Diċembru 13 dwar ix-Xalata ta' l-għada tal-Festa

(4266) Ittra mill-Mepa dwar Daħlet Qorrot
(4267) Email mingħand Clifford Vella dwar ktieb ġdid dwar leġġendi, misteri u għajdut
(4268) Ittra mill-Mepa dwar Skedar ta' Propjeta'
(4269) Ittra mill-Uffiċċju tal-Paroċċa dwar Jum iz-Zgħazagħ
(4270) Memo 22/2012 Ħsarat jew Ilmenti Lill-Enemalta u Proposti għal lampi ġodda
(4271) Ittra mis-Soċjeta Filarmonika Mnarja dwar marċ fl-okkażjoni tal-Wirja Agrarja
(4272) Email mingħand Transport Malta dwar Triq il-Madonna ta' Lourdes, Triq ir-Rabat u Triq it-Torri ta' Kenuna
(4273) Memo 20/2012 – Mistoqsija Parlamentari Numru 34254
(4274) Memo 21/2012 – Proċedura addottata għat-tweġibiet għal Mistoqsijiet Parlamentari
(4275) Kwotazzjoni għal "Airport Impressions" għal Wine Festival
(4276) Email mingħand il-Ministeru għal Għawdex dwar sponsorship għal Wirja Agrarja
(4277) Acknowledgement mingħand il-MEPA dwar l-applikazzjoni PA 00852/12
(4278) Korrispondenza mingħand Anton Said dwar ir-reklam f' L-Imnarja
(4279) Ittra mingħand il-MEPA dwar "Underground Shelter"
(4280) Acknowledgement mingħand il-Ministeru tal-edukazzjoni u x-xogħol dwar Child Day Care Centre
(4281) Memo 19/2012 – Mistoqsija Parlamentari Numru 34124
(4282) Email mingħand l-Arċipriet Jimmy Xerri dwar ic-Child Day Care Centre
(4283) Ittra minn Emily Muscat dwar toqba fit-Triq
(4284) Email mingħand Stephen Azzopardi dwar Classic Sports Car Show
(4285) Email mingħand il-beach cleaning section dwar il-bajja ta' San Blas

13. **Passaġġi fir-Raba.** Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li biex isiru passaġġi ġodda ħafna drabi jkun hemm bżonn ta' permess mingħand il-MEPA . Xogħol ta' manutenzjoni fuq passaġġi diġa eżiżtenti jistgħu jsiru. Il-passaġġi l-aktar fil bżonn li issir intervent fuqhom bħalissa huma ta' Triq ta' Majża u Wied Binġemma.

14. **Triq il-Knisja.** Il-Kunsill irċieva ilment anonimu dwar tiben li qed ikun hemm fit-Triq il-Knisja. Dan għaliex qed jiġi maħżun xi tiben f' garaxx fl-istess triq. Is-sid tal-garaxx mhux jieħu ħsieb jiġbor it-tiben li jaqa' barra. Dan l-ilment diġa tressaq diversi drabi lill-pulizija iżda passi kontra is-sid tal-garaxx ma tieħdux. Fl-ittra ġie allegat li dan it-tiben qed jikkawża attakki ta' l-asthma lil persuni ta' dawn l-inħawi. Wara diskussjoni s-Sindku qal li ser ikellem lis-sid tal-garaxx hu dwar din il-problema.

15. **Kwotazzjonijiet.** Il-Kunsill ġabar xi kwotazzjonijiet għal-xiri ta' computer u printer għall-uffiċċju tas-Sindku w dan peress li dak eżistenti m'għadux jaħdem. Intgħażel l-aktar computer tajjeb, li kien bil-prezz totali ta' €704 (taħt l-ammont li jirrikjedi kwotazzjoni).

16. **Xalata.** Il-Kunsill irċieva tliet proposti għall-attivita tax-Xalata fit-30 ta' Ġunju minn tliet għaqdiet tan-Nadur. Dan wara li ntbgħatet ittra lill-Għaqdiet tal-Lokal. Dawn kienu ta:

(i) Għaqda Armar Triq Diċembru 13 – BBQ, Live Band, Logħob għat-tfal, bar u tombla fi Ġnien il-Kunsill
(ii) Għaqda tan-Nar – 80' s Night u BBQ fi Ġnien il-Kunsill

(iii) Kummissjoni Żgħażagħ Imnarja 80’s & 90’s night, BBQ u stand ta’ drinks fil-bajja ta’ Daħlet Qorrot

Is-Sindku, Charles Said għamel mozzjoni verbali li tgħid li l-aktar proposta li għandha attivitajiet li jolqtu lil-familja kollha hija ta’ l-Għaqda Armar Triq Diċembru 13 u għalhekk din l-attivita għandha tingħata lilhom. Eucharist Camilleri issekonda l-mozzjoni. Il-mozzjoni għaddiet unanimament. Il-Kunsill ser iħallas s-sound u dawl għal din l-attivita. Josianne Cutajar qalet li l-attivita ħdejn il-bajja kif proposta mill-Kummissjoni Żgħażagħ Imnarja hija sabiħa. Is-Sindku fakkarha li l-Kummissjoni Żgħażagħ ser jorganizzaw is-Summerfest fil-bajja ta’ Daħlet Qorrot bejn 27-29 ta’ Lulju u li huma fil fatt ġa talbu l-għajnuna tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jitlob lill-Kummissjoni il-programm ta’ din l-attivita sabiex jara kif jista’ jgħin. Il-Kummissjoni Żgħażagħ talbet li tingħata stand waqt il-Wirja Agrarja sabiex ibiegħu biljetti ta’ lotteriji bħala fund raising. Il-Kunsill qabel li waħda mill-istands tmur għandhom.

**17. Għeluq ta’ Triq.** Il-Kunsill irċieva talba mingħand l-Għaqda Armar Triq Diċembru 13 biex tingħalaq Triq Ċimċem bejn l-24 u t-30 ta’ Ġunju sabiex jiġi armat il-pedistall tal-festa. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**18. Bozza Ġdida.** Il-Kunsill irċieva talba għall-installazzjoni ta’ bozza ġdida fi 92 Triq ir-Ramla. Peress li din hija triq arterja l-Kunsill ser jgħaddi din it-talba lill- Ministeru għal Għawdex.

**19. Debono vs Kunsill Lokali Nadur.** Ser issir l-iffirmar tal-kuntratt u ħlas ta’ spejjes inkonnessjoni mal-każ ta’ Debono vs. Kunsill Lokali Nadur. Dan ma sarx qabel għaliex l-avukat ta’ Debono kien imsiefer.

**20. Triq ir-Ramla.** Il-Kunsill irċieva lment dwar toqba li tinsab fi Triq ir-Ramla, quddiem ir-residenza numru 64. Is-sid ta’ din ir-residenza qalet li din it-toqba qed tikkawża ħsarat fl-għerien li hemm taħt il-propjeta u jista’ jkun li ser issir ħsara lid-dar tagħha ukoll. F’din it-toqba jidher li hemm kanna li minnha qed jinżel xi ilma. Il-Kunsill għandu jieħu parir ta’ persuni kompetenti dwar dan.

**21. Wirja ta’ Karozzi**. Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand “Classic Sports Car Club Malta” fejn il-Kunsill ġie informat li t-talba tagħhom biex il-Gozo Channel jissussidja il-biljetti tal-vapur tagħhom ġiet irrifjutata Peress li din l-attivita ser issir fuq talba tal-Kunsill u bħala parti mill-attivita tal-Wirja Agrarja l-Kunsill ser iħallas sa €200 għall-ispejjes tal-vapur.

**22. Pjazza Baveno.** Il-Kunsill qed jirċievi diversi lmenti dwar il-parking fi Triq Agius De Soldanis u Pjazza Baveno. F’dawn l-inħawi hemm diversi blokok ta’ flats u minħabba f’hekk qed ikun hemm ħafna karrozzi li qed jipparkjaw quddiem garaxxijiet tar-residenti. Il-Perit Edward Xerri għamel pjanta għal

parking bay fi Pjazza Baveno fejn jkunu jistgħu jipparkjaw ammont ta' karrozzi mingħajr ma jimblokkaw lill-garaxxijiet. Il-Kunsill approva din il-pjanta u ser jibgħata lit-Transport Malta għall-approvazzjoni.

23. **Bajja ta' San Blas.** Il-Kunsill irċieva talba mingħand il-beach cleaners biex jagħmel "railing" ta' l-injam fuq il-ħajt li nbena fil-bajja ta' San Blas. Huma talbu ukoll biex isiru bankijiet. Il-Kunsill għandu jitlobhom biex jiġbru kwotazzjonijiet tal-bankijiet li hemm bżonn isiru. Il-Kunsill ser jitlob ukoll li jitħawlu siġar tal-Bruk sabiex ikun hemm ftit dell.

24. **Fondi tal-UIF.** Il-Kunsill irċieva notifika mingħand il-MEPA dwar il-fondi li hemm għall-użu tal-Kunsill taħt din l-iskema. Fil-kunsill preċidenti kien hemm ħsieb li jsiru brazzi ornamentali fi Triq Diċembru Tlettax taħt din l-iskema. Dawn il-brazzi kienu ser ikunu "central hanging". Dan il-kunsill irrid jara hux ser ikompli b'dan il-proġett jew hux ser japplika għal xi proġett ieħor. Eucharist Camilleri issuġġerixxa li jsir l-isqaq ta' ħdejn ta' "pupla" bil-pavimentar. Eucharist Camilleri ma qabilx li l-brazzi ornamentali ikunu "central hanging".

25. **Bajja ta' Daħlet Qorrot.** Fl-aħħar laqgħa l-Kunsill kien iddeċieda li jibgħat bil-miktub lill MEPA dwar il-ġebel li qed fil-periklu li jaqa fuq l-għerien ta' Daħlet Qorrot. Il-MEPA rrispondiet lura billi qalet li l-Kunsill għandu jinkariga perit biex jara x'hemm bżonn. Il-Kunsilliera qablu li għadhom imorru jaraw x'hemm qabel il-laqgħa li jmiss.

26. **Attivitajiet tal-Kunsill fi żmien il-festa.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dun Tonio Galea f'isem il-Kumitat Ċentru Żgħażagħ Nadur biex il-Kunsill bħas-snin ta' qabel jikkollabora magħhom fl-attivita ta' Jum iż-Żgħażagħ. Huma bagħtu programm ta' l-attivita u talbu li l-Kunsill jieħu ħsieb dawl, sound u l-band li se tqum madwar €150. Il-Kunsill approva li din l-attivita ssir bil-kollaborazzjoni.

Il-Kunsill ġabar żewġ kwotazzjonijiet għall-attivita ta' Jum it-Tfal. Il-kunsill għażel l-aktar waħda vantaġġuża bil-prezz ta' €750. Il-prezz tal-kwotazzjoni l-oħra kien ta' €944. Il-Kunsill għandu jikkuntattja lil Jeremy Vella li huwa balloonist sabiex jiġi waqt din l-attivita.

27. **Passaġġ ta' Wied Binġemma.** L-avukat Rita Mifsud bgħatet ittra draft dwar il-kwistjoni ta' l-għeluq tal-passaġġ li jwassal sa Wied Binġemma. Il-Kunsilliera raw l-ittra u qablu li din l-ittra għandha tintbagħat mill-avukat tagħna lill avukat tas-sid ta' l-għelieqi. Il-Kunsilliera qablu wkoll li għandha ssir laqgħa bejn iż-żewġ partijiet sabiex naraw jistax jintlaħaq xi tip ta' ftehim.

28. **Wine Festival 2012.** Il-Kunsill ġabar kwotazzjoni mingħand il-band "Airport Impressions" għall-parteċipazzjoni tagħhom waqt il-wine festival 2012.

Huma talbu l-ammont ta' €2,200. Din hija band tajba ħafna u li tattira ħafna nies. Il-Kunsill għandu jipprova jinżel fil-prezz ta' din il-performance u jikkonferma l-parteċipazzjoni tagħhom.

**29. Publikazzjoni tas-Soċjeta Filarmonika Mnarja.** Il-Kunsill irċieva email mingħand Anton Said li qed jieħu ħsieb il-pubblikazzjoni tas-Soċjeta Filarmonika Mnarja "Luminaria". Hu informa lill-Kunsill dwar ser ikun hemm fil-pubblikazzjoni ta' din is-sena għall-prezz ta' €200

1) Messaġ tas-Sindku – **Paġna sħiħa**.
2) Artiklu li jippromovi l-patrimonju ta' Raħalna li din is-sena ser ikun dwar l-introduzzjoni tal-mixgħela bid-dawl elettriku fil-festa tal-Imnarja miktub b'mod tekniku u bi studju minn Daniel Meilaq. Dan l-artiklu li ser ikun akkompanjat b'numru ta' ritratti antiki ser ikun maqsum fuq tliet paġni. (Ta' minn isemmi li dan l-artiklu ser ikun it-tielet wieħed minn din is-sensiela li qed ikun sponsporjat mill-Kunsill. Il-kitba; 'Kitba Miġjuba bil-kortesija tal-Kunsill Lokali tan-Nadur', kif sar sa issa anke din id-darba ser tiġi ukoll ippublikata fuq quddiem ta' dan l-artiklu biex tindika li dan il-kontenut letterarju hu offrut mill-Kunsill).
3) Reklam ta' nofs paġna bil-Kulur li jwassal l-awguri tal-festa mill-Kunsill

**30. Shelter tal-Pjazza.** Il-Kunsill ġie mitlub jagħmel garanzija bankarja ta' €2300 u jagħmel pjanta ġdida b'amendi żgħar sabiex jinħareġ il-permess ta' "refurbishment" tax-xelter tal-pjazza. Il-Kunsilliera ddiskutaw jekk hux ser issir dan ix-xogħol. Il-Kunsill m'għandux fondi għal dan il-proġett u ser jipprova jġib fondi mill-EU għalih. Qabel ma jkun ser jibda x-xogħol għandha ssir laqgħa pubblika.

**31. Pubblikazzjoni tal-Kunsill.** Is-Sindku ġabar kwotazzjoni mingħand Paul Portelli sabiex jieħu ħsieb il-pubblikazzjoni tal-Kunsill – Ħidmitna f' Isimkom Din tkun tikonsisti minn pubblikazzjoni ta' 8 paġni. Il-prezz kwotat huwa ta' €195 kull pubblikazzjoni.

- Design a frontpage cover for each new edition
- Layout and build leaflet pages on content and images provided
- Gather missing photos
- Make sure the leaflet is designed, printed and delivered on time
- Liase with a printing press of council's choice to make sure leaflet is printed as intented.
- Gather necessary missing material

Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

**32. Toroq.** Saret spezzjoni tat-toroq li saru taħt l-iskema tal-Public Private Partnership. Għad fadal xi jsir fi Triq ta' Ġrunju fejn qed iżomm l-ilma ħdejn ir-residenza 7A. Barra hekk irrid issir testing fit-toroq li ġew irranġati dan l-

aħħar mill-Kuntrattur sabiex naraw jekk dawn iżżomux ilma tax-xita. Il-contract manager talab sabiex inħallu ftit ġimgħat jgħaddu qabel ma nagħmlu dan it-testing permezz ta' bowser bl-ilma. Wara jkun jista jsir il-ħlas ta' 40% fuq dawn it-toroq. Il-Kunsill approva l-ħlas ta' 40% mill-kont totali ta' Triq il-Buskett peress li din hija lesta minn kollox.

**33. Korsijiet tas-Sajf.** Barra c-Child Day Care Centre, l-Kunsill ser jorganizza numru ta' korsijiet matul ix-xhur tas-sajf. Dawn huma: *art attack, painting, Ganutel/Trhead Filagree, Lace making, Beading, Creative Knitting/Crochet/Hanża/Italian for Beginners, Italian for O level, German for beginners, stained glass, mosiaic, Malti aħjar b'sforzi żgħar, u first aide, floral art u girls on the move*. Għandhom joħorġu l-applikazzjonijiet u jitqassmu mal-bullettin sabiex naraw x'interess hemm.

**34. Korsjiet tal-Yoga** .Ġiet diskussa proposta li saret lill-Kunsill mis-Sur Angelo Bonello. Il-Kunsill qabel li dawn isiru wara li ssir sejħa biex naraw x' interess jista jkun haw fost ir-residenti għall-dawn it-tip ta' korsijiet . Ġie ssuġerit li dawn l-aħjar li jsiru fix-xhur tax-xitwa.

**35. Kwotazzjonijet: Il-Kunsill talab kwotazzjonijiet għal xi xogħol ta' manutenzjoni f'xi toroq u daħlu dawn**:
Patching u tindif f'ta' Bordin:
Peter Paul Said €354
Simon Sultana €350 + vat
P&J Debono €177

Patching fil-Qortin

Peter Paul Said €413
Simon Sultana €715 + vat
P&J Debono €118

Is-Sindku ma ħax sehem fid-diskussjoni sabiex ikun konfermi mal-liġi peress li wieħed mill-kuntratturi huwa ħuh. Il-Kunsill għażel il-kwotazzjonijiet ta' P&J Debono Bros peress li dawn kienu l-aktar kwotazzjonijiet vantaġġjużi.

**36. Affarijiet Oħra.** Eucharist Camilleri qal li hu ġie avviċinat mis-Sinjura Pat Attard ta' Triq Ta' Ħida dwar lis-speed hump li hemm ħdejn ir-residenza tagħħa. Ħi talbet sabiex din titneħħa kif tneħħiet dik ta' Triq tad-Duru. Is-Sindku qal li l-aħjar qabel titneħħa, naraw ir-residenti l-oħra tal-istess triq x' jaħsbu. Ħemm bżonn ta' patching bis-cement fi triq Papa Ljun XIII.

Il-laqgħa ntemmet fil-11:40 p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 12 ta' Gunju fis-7:30 ta' filgħaxija.